

Uċuħ nazzjonali ġodda tal-muniti ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni

(2007/C 248/07)

Fl-10 ta' Lulju 2007, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda li r-Repubblika ta' Ċipru tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni ta' l-euro fl-1 ta' Jannar 2008 ⁽¹⁾.

Għaldaqstant, mill-1 ta' Jannar 2008 'l quddiem, ir-Repubblika ta' Ċipru se toħroġ muniti ta' l-euro, suġġett għall-approvazzjoni mill-BĊE tal-volum tal-ħruġ (ara l-Artikolu 106(2) tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea).

Il-muniti ta' l-euro għaċ-ċirkolazzjoni għandhom l-istatus ta' valuta legali fiż-żona kollha ta' l-euro. Il-Kummissjoni tippubblika d-disinjii l-ġodda kollha tal-muniti euro ⁽²⁾ bil-ħsieb li tinforma l-partijiet kollha li jridu jużaw il-muniti waqt xogħolhom kif ukoll il-pubbliku in ġenerali.

Il-muniti ta' 10 ċenteżmi, 20 ċenteżmu u 50 ċenteżmu, kif ukoll il-muniti ta' euro u żewġ euro se jinħarġu mir-Repubblika ta' Ċipru bl-uċuħ komuni l-ġodda tal-muniti ta' l-euro ⁽³⁾. Il-muniti bl-iċken denominazzjoni (ċenteżmu, 2 ċenteżmi u 5 ċenteżmi) se jinħarġu bil-wiċċ komuni oriġinali, peress li ma hemmx naħa komuni għal dawn id-denominazzjonijiet.



1 EURO CENT



2 EURO CENT



5 EURO CENT



10 EURO CENT



20 EURO CENT



50 EURO CENT



1 EURO



2 EURO

L-Istat li joħroġ il-munita: ir-Repubblika ta' Ċipru

Bidu tal-ħruġ: Jannar 2008

Deskrizzjoni tad-disinjii:

1 EURO CENT — 2 EURO CENT — 5 EURO CENT

Fiċ-ċentru tal-munita hemm rappreżentata koppja ta' mufluni, l-aktar speċi karatteristika tal-fawna tal-pajjiż. Isem il-gżira bil-Grieg u bit-Tork, bis-sena mdaħħla bejniethom, huma inċiżi f'semicirku fuq il-lemin fuq iż-żewġ annimali: "ΚΥΠΡΟΣ 2008 ΚΙΒΡΙΣ". L-istampa u l-iskrizzjoni huma mdawrin mit-tnax-il stilla tal-bandiera Ewropea.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni 2007/503/KE tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2007 skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat tal-KE dwar l-adozzjoni minn Ċipru tal-munita unika fl-1 ta' Jannar 2008 (ĠU L 186, 18.7.2007, p. 29).

⁽²⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 u ĠU C 254, 20.10.2006, p. 6 għal referenza għall-muniti euro l-oħra.

⁽³⁾ Ara ĠU C 225, 19.9.2006, p. 7.

10 EURO CENT — 20 EURO CENT — 50 EURO CENT

Fiċ-ċentru tal-munita hemm rappreżentat il-bastiment ta' Kyrenia (tar-raba' seklu q.K.), li tirrappreżenta r-rabta tal-gżira mal-baħar u l-importanza tagħha fl-attivitajiet kummerċjali u marittimi. Isem il-gżira bil-Grieg u bit-Tork, bis-sena mdaħħla bejniethom, huma inċiżi f'semiċirku fuq il-lemin fuq il-bastiment: "ΚΥΠΡΟΣ 2008 ΚΙΒΡΙΣ". L-istampa u l-iskrizzjoni huma mdawrin mit-tnax-il stilla tal-bandiera Ewropea.

1 EURO — 2 EURO

Fiċ-ċirku intern hemm rappreżentat idolu f'forma ta' salib li jmur lura għall-perjodu kalkolitiku (3000 q.K.) li ġej mill-villaġġ ta' Potos, eżempju karatteristiku ta' l-arti preistorika ta' Ċipru. Ismijiet il-gżira bil-Grieg u bit-Tork, "ΚΥΠΡΟΣ ΚΙΒΡΙΣ", huma inċiżi f'semiċirku rispettivament fuq il-lemin u x-xellug tan-naħa ta' fuq ta' l-idolu. Il-marka tas-sena 2008 tidher fuq il-parti ta' isfel fuq il-lemin. Fuq il-parti esterna tal-munita jidhru t-tnax-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Simboli inċiżi mad-dawra ta' barra tal-munita taż-2 euro: "2 ΕΥΡΩ 2 EURO" ripetuti għal darbtejn.
